MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 01/K7/2013 |
| Data: | Il-Hamis, 4 ta' April, 2013 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Kunsilliera: | Sinjorina Margaret Baldacchino Cefai<br>Dr Alex Sciberras<br>Sur Carmelo Bartolo<br>Sur Maurice Agius<br>Sur Alan Abela Wadge<br>Sur Charles Selvaggi<br>Sur Matthew Agius<br>Sinjura Romina Galea<br>Sur Emanuel Brincat |
| | Segretarju Ezekuttiv: | Sinjura Marita Portelli |

## AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat it-Tnejn, 1 ta'April, 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Ħatra ta' Sindku
2. Ħatra ta' Viċi Sindku
3. Formazzjoni ta' Kumitati
4. Tqassim ta' Responsabilitajjiet lill-Kunsilliera
5. Aġġornament

Seduta Numru 01/13

001 Is-Segretarju Eżekuttiv fetħet l-ewwel laqgħa tas-Seba' Leġislatura b'talba.

002 Is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lill-Kunsillier is-Sur Carmel Bartolo, l-aktar anzjan fost il-Kunsilliera eletti, sabiex jippresiedi l-laqgħa.

**1. Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku.**

003 Ic-Chairman is-Sur Carmelo Bartolo fetaħ il-laqgħa u wara li ta merħba u rringrazzja lill-Kunsilliera kollha tal-ħidma tagħhom, iddikjara li l-Kunsilliera Margaret Baldacchino Cefai kisbet l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri fl-Elezzjoni Lokali. Għalhekk din għandha tokkupa l-kariga ta' Sindku.

004 Is-sinjorina Margaret Baldacchino Cefai iddikkjarat li taċċetta l-kariga ta' Sindku u ħadet l-presidenza tal-laqgħa

**2. Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Vici-Sindku.**

005 Ic-Chairperson Margaret Baldacchino Cefai introduċiet is-Segretarju Eżekkutiv il-ġdida, s-Sinjura Marita Portelli mall-Kunsielliera li ferħulha bl-appuntament tagħha mal-Kunsill.

006 Margaret Baldacchino Cefai kompliet billi iddikjarat li l-Kunsillier l-Avukat Alex Sciberras kiseb it-tieni l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri fl-Elezzjoni Lokali bħala l-Kunsilliera li għandu jokkupa l-kariga ta' Vici-Sindku.

007 Il-Kunsillier Avv Alex Sciberras iddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku. Hu rringrazzja lill-preżenti u talab il-kooperazzjoni ta' kulħadd sabiex magħqudin flimkien, il-Kunsill jagħmel suċċess f'ħidmietu għall-ġid tal-lokalita' kollha.

**3 Formazzjoni ta' Kumitati**

008 Gew konfermati l-membri tal-Kumitati tal-Finanzi u tal-Offerti Pubblici.

009 Il-membri tal-Kumitat tal-Finanzi huma Margaret Baldacchino Cefai, Avv Alex Sciberras, Carmelo Bartolo, Maurice Agius u Alan Abela Wadge.

010 Il-membri tal-Kumitat tal-Offerti Pubblici huma: Margaret Baldacchino Cefai, l-Avv Alex Sciberras, Carmelo Bartolo, Emanuel Brincat u Matthew Agius.

011 Il-Kunsillier Charles Selvaggi saqsa jekk hux possibli li, jekk xi ħadd mill-kunsilliera ma jkunx jista jattendi xi laqgħa ta' xi wieħed mill-kumitati hawn fuq imsemmija, hux possibli li jattendi xi ħadd ieħor (rappreżentant ta l-istess partit) minnfloku. Is-Sindku ma sabet l-ebda oġġezzjoni. Kullħadd qabel.

## 4 Tqassim ta' Responsabilitajjiet lill-Kunsilliera

012 Iċ-Chairperson Margaret Baldacchino Cefai informat lill-preżenti li meta ittieħdu d-deċiżjonijiet fuq r-responsabilitajjiet tal-kunsilliera riedet li tassigura li ma jkunx hemm kumitati b'maġġoranza politika waħda, imma li kull kumitat ikun rappreżentat miż-żewġ partiti. Iċ-Chairperson kompliet billi informat lill-preżenti li jekk ikun hemm xi oġġezzjonijiet fuq kif sar it-tqassim dan jista' jiġi diskuss u revedut.

013 Ir-responsabilitajjiet tal-Kunsill ser jinqasmu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Customer Care, Rappreżentanza tal-Kunsill fuq Kumitat tar-Reġjun | Margaret Baldacchino Cefai<br>(sostitut – Dr Alex Sciberras) |
| Edukazzjoni u Kultura | Margaret Baldacchino Cefai<br>Romina Galea<br>Matthew Agius |
| Finanzi u 'EU Funds' | Dr Alex Sciberras<br>Matthew Agius |
| Infrastruttura (MEPA) u 'Traffic Management' | Emanuel Brincat<br>Charles Selvaggi |
| Anzjani | Lino Bartolo<br>Maurice Agius |
| Ġonna Pubbliċi | Lino Bartolo |
| Indafa Pubblika | Maurice Agius |
| Żgħażagħ u Sport | Romina Galea<br>Alan Abela Wadge |
| Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd | Margaret Baldacchino<br>Matthew Agius<br>Charles Selvaggi |

014 Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni fuq dawn il-karigi.

015 Il-Kunsillier Alan Abela Wadge saqsa jekk humiex dawn biss il-kumitati li jistgħu jinħolqu. L-Avv Alex Sciberras, Viċi Sindku, informa lill-preżenti li ma hemm l-ebda oġġezzjoni li Kunsilliera jipproponu idejat u inizjattivi ġodda. Dawn, pero' jridu jitressqu għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 5 Affarijiet oħra jekk Urġenti

016 Festa ta' San Ġorg Preca, Swatar: Il-Kunsillier Emanuel Brincat ressaq it-talba tal-Kumitat tas-Swatar biex fil-Festa ta' Sun Gorg Preca, li ser issir fl-ewwel Ħadd ta' Mejju, jintrema l-festun bħal ma sar fi snin oħra. L-Kunsill qabel li jitwaħħal dan il-festun fi żmien il-festa.

017 Jum Marittimu Ewropea: Is-Sindku ressqet informazzjoni fuq il-Jum Marittimu Ewropea li, din is-sena, ser issir f'Malta bejn is-19 u l-20 ta' Mejju. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill ta' L-Imsida jieħu ħsieb jorganizza l-attivita' tal-ġostra fis-19 ta' Mejju, li jkun il-Ħadd, bil-parteċipazzjoni tal-Għaqda tal-Ġostra. Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-ispejjeż ta' din l-attivita' jkunu minimi għax kull ma jkun hemm bżonn huwa x-xaħam u medalji (għall-parteċipanti kollha) u xi trofei għar-rebbieħa. IL-Kunsill qabel.

018 Korsijiet tal-Kompjuter tat-TCTC – IKIDS: Is-Sindku ressqet informazzjoni fuq il-Korsijiet tal-Komjuter tat-TCTC li s-soltu jsiru fis-sajf. Hi informat lill-Kunsilliera li t-tfal jieħdu pjaċir b'dawn il-korsijiet u li dejjem ikun hemm konkorrenza tajba. Issemma wkoll li jekk il-Kunsill japplika qabel il-15 ta' April ser jingħata tablet b'xejn. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-korsijiet.

019 Community Worker f' l-Imsida: Il-Kunsilliera ġew informati li li s- Sindku u l-Viċi Sindku, flimkien mas- Segretaru Ezekuttiv, intaqgħu mal- Community Worker fejn informathom li tixtieq torganizza korsijiet ta' Basic First Aid u anke' ta' 'Parenting Skills'. Il-korsijiet tal-First Aid ser ikun b'xejn, fil-waqt li l-korsijiet tal-'Parenting Skills' li huwa ppjanat għal April u li ser ikun jiswa €150.00. Ms Baldacchino Cefai pproponiet li min jattendi jħallas €5.00 kull persuna l-Kunsill iħallas €75 (qed jiġi previst li ser jattendu minimu ta' 15-il-persuna għal dan il-kors). Il-Kunsill qabel.

019B Il-Viċi Sindku saqsa jekk ir-rappreżentanti tal-PN għandhomx xi suġġetti partikolari li jridu jresqu fil-laqgħat tal-Kunsill. C Selvaggi qal li il-prioritajjiet tagħhom għal din il-leġislatura huma r-'Residential Parking Scheme' u l-problema ta' l-iskart.

020 Ġurnata u Ħin tal-Laqgħat tal-Kunsill: Ġie deċiż li l-laqgħa, sakemm ma jkunx hemm bżonn li jitlaqqa l-Kunsill b'urġenza, ser issir kull l-aħħar Tlieta tax-xahar fil-5.30pm. Il-laqgħa li jmiss għalhekk ser issir nhar it-Tlieta 30 t' April 2013.

## 6 Aġġornament

021 Is-Sindku iddikjarat l-laqgħa magħluqa fis-6.20 p.m.

Approvati llum 30 ta' April 2013.

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Marita Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |